**(v) Il-Ħruġ tal-munita**

Sa mit-twaqqif tiegħu fl-1968, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħa f'idejh ir-responsabbiltà għall-ħruġ u l-kontroll tal-karti tal-flus u tal-muniti f'Malta. L-ewwel serje tal-karti tal-flus Maltin kienet ħarġet mill-Bank Ċentrali ta' Malta f'Settembru tal-1969. Matul dawn is-snin, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ diversi serje ta' karti tal-flus, bl-aħħar tkun il-ħames waħda, li ħarġet f'Settembru tal-1989.

Fis-16 ta' Mejju 1972, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ l-ewwel serje tiegħu tal-muniti deċimali. Qabel din id-data Malta kienet għadha tuża muniti Ingliżi. L-ewwel muniti deċimali Maltin kienu jikkonsistu fil-muniti tal-50 ċenteżmu, tal-10 ċenteżmi, tal-5 ċenteżmi, taż-2 ċenteżmi, taċ-ċenteżmu, tal-5 milleżmi, tat-3 milleżmi u taż-2 milleżmi. Maż-żmien, ġew introdotti l-munita tal-25 ċenteżmu u l-munita tal-Lm1.

Bl-introduzzjoni tal-euro f'Malta fl-1 ta' Jannar 2008, il-Bank Ċentrali ta' Malta sar responsabbli mill-ħruġ tal-karti tal-flus tal-euro skont il-prinċipji u r-regoli stabbiliti fl-Eurosistema. Bl-approvazzjoni tal-Eurosistema, il-Bank joħroġ l-karti tal-flus tal-euro f'Malta u huwa responsabbli sabiex jiżgura l-kwalità u l-awtentiċità tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni. Il-Bank għandu ukoll *Unit* għas-Sorveljanza tal-Flus Foloz li jeżamina kull karta tal-flus issuspettata falza.

Tingħata ħafna importanza biex jiġi żgurat li d-denominazzjonijiet fiċ-ċirkolazzjoni jirriflettu d-domanda. Il-karti tal-flus li m'għadhomx tajba biex iduru fl-idejn jitneħħew miċ-ċirkolazzjoni regolarment, jinqerdu u jiġu sostitwiti b'karti tal-flus ġodda.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta joħroġ ukoll il-muniti tal-euro f'Malta għan-nom tal-Gvern. Il-volum tal-muniti tal-euro li jinħareġ irid jiġi approvat minn qabel mill-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artiklu 106 tat-Trattat.